Nru./No. 19,230
Prezz/Price
€4.32

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 4 ta' April, 2014
Friday, 4th April, 2014

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Proklama tal-President ta' Malta 2785
Proclamation by the President of Malta *2785*

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 2786 - 2810
Government Notices ..... *2786 - 2810*

Avviż tal-Pulizija ..... 2810 - 2813
Police Notice ..... *2810 - 2813*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 2814 - 2817
Employment Opportunities ..... *2814 - 2817*

Avviżi tal-Gvern ..... 2817 - 2823
Notices ..... *2817 - 2823*

Offerti ..... 2824 - 2857
Tenders ..... *2824 - 2857*

Avviżi tal-Qorti ..... 2857 - 2876
Court Notices ..... *2857 - 2876*

ANNO DOMINI 2014 NRU. IV

Proklama

MILL-PRESIDENT
(L.S.) TA' MALTA

(Iff.) MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA
President

BILLI b'Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati mgħoddija fl-1 ta' April, 2014, jiena ġejt maħtura President ta' Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt il-ġurament tal-kariga quddiem il-Kamra tad-Deputati fl-imsemmija data kif meħtieġ bl-artikolu 50 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA, B.A. (LEGAL & HUMANISTIC STUDIES), DIP. NOTARY PUBLIC, qiegħda hawnhekk ngħarraf u nipproklama illi fl-4 ta' April, 2014, skont l-imsemmija Kostituzzjoni, assumejt il-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 4 ta' April, 2014.

B'Awtorità,

(Iff.) JOSEPH MUSCAT
Prim Ministru

ANNO DOMINI 2014 NO. IV

Proclamation

BY THE PRESIDENT
(L.S.) OF MALTA

(Sd.) MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA
President

WHEREAS by Resolution of the House of Representatives passed on the 1st day of April, 2014, I was appointed President of Malta;

AND WHEREAS I duly took and subscribed the oath of office before the House of Representatives on the said date as required by section 50 of the said Constitution of Malta;

NOW, THEREFORE, I, MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA, B.A. (LEGAL & HUMANISTIC STUDIES), DIP. NOTARY PUBLIC, do hereby notify and proclaim that I have on the 4th day of April, 2014, under the said Constitution, assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 4th day of April, 2014.

By Authority,

(Sd.) JOSEPH MUSCAT
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 345

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru.VIII tal-2014 imsejjaħ l-Att tal-2014 li Jemenda l-Liġijiet tal-Komunikazzjonijiet.

L-4 ta' April, 2014

Nru. 346

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA (Hons.), MA (European Studies), PhD (Bristol), MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ħamis, it-3 ta' April, 2014 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 344 tal-1 ta' April, 2014, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-3 ta' April, 2014
(OPM/81/2013/VI)

Nru. 347

ĦATRA TA' MĦALLEF TAL-QRATI SUPERJURI (MALTA)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, ħatar lill-Maġistrat Dott. Edwina Grima biex tkun Imħallef fil-Qrati Superjuri (Malta) b'seħħ mis-26 ta' Marzu, 2014.

It-28 ta' Marzu, 2014
(OPM/APJ/1/2014)

Nru. 348

ĦATRA TA' MAĠISTRAT FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, ħatar lil Dott. Joanne Vella Cuschieri, LL.D., biex tkun Maġistrat fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'seħħ mis-26 ta' Marzu, 2014, u bħala Maġistrat tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) meta tinqala' l-okkażjoni jew il-ħtieġa.

It-28 ta' Marzu, 2014
(OPM/APJ/2/2014)

GOVERNMENT NOTICES

No. 345

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. VIII of 2014 entitled the Communications Laws (Amendment) Act, 2014.

4th April, 2014

No. 346

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA (Hons.), MA (European Studies), PhD (Bristol), MP, resumed duties as Prime Minister on Thursday, 3rd April, 2014 and that the arrangements made by Government Notice No. 344 of the 1st April, 2014, ceased to have effect accordingly.

3rd April, 2014

No. 347

APPOINTMENT OF JUDGE AT THE SUPERIOR COURTS (MALTA)

IT is notified for general information that the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has appointed Magistrate Dr Edwina Grima to be a Judge of the Superior Courts (Malta) with effect from 26th March, 2014.

28th March, 2014

No. 348

APPOINTMENT OF MAGISTRATE AT THE MAGISTRATES' COURT (MALTA)

IT is notified for general information that the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has appointed Dr Joanne Vella Cuschieri, LL.D., to be Magistrate of the Court of Magistrates (Malta) with effect from 26th March, 2014, and as Magistrate of the Court of Magistrates (Gozo) whenever the occasion and need arises.

28th March, 2014

Nru. 349

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Kuraturi Uffiċjali u Avukati għal Għajnuna Legali

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi Dott. Dorianne Vella, LL.D., irriżenjat b'seħħ mill-1 ta' April 2014.

L-1 ta' April, 2014
(MJ/44/88/VII)

No. 349

CODE OF ORGANIZATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

Official Curators and Advocates for Legal Aid

IT is notified for general information that Dr Dorianne Vella, LL.D., resigned with effect from 1st April, 2014.

1st April, 2014

Nru. 350

ID-DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ) JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

IS-SUR Godwin Warr, Direttur Ġenerali (Kummerċ), reġa' daħal għal dmirijietu nhar it-30 ta' Marzu, 2014 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 278 tal-14 ta' Marzu, 2014 qed jiġu mħassrin.

L-4 ta' April, 2014

No. 350

RESUMPTION OF DUTIES OF DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

MR Godwin Warr, Director General (Commerce), resumed duties on 30th March, 2014 and the arrangments referred to in Government Notice No. 278 of 14th March, 2014 are hereby being cancelled.

4th April, 2014

Nru. 351

MINISTERU GĦAT-TRASPORT U L-INFRASTRUTTURA

Għotja mill-Gvern fuq Xiri ta' Vetturi li Jaħdmu bl-Elettriku

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 9 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 150 ippubblikata fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,209 tal-14 ta' Frar, 2014, il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura qiegħed jagħmel dawn l-emendi li ġejjin għall-paragrafu 4 (Eliġibbiltà) tal-iskema msemmija:

Il-paragrafu 4(ii) tal-iskema msemmija għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subparagrafu (b) tiegħu minnufih wara l-kliem "ma tkunx ġiet reġistrata" għandhom jidħlu l-kliem "f'Malta"; u

(b) fis-subparagrafi (d) u (e) tiegħu rispettivament minflok il-kliem "ma tkunx itwal minn 4,460mm" għandhom jidħlu l-kliem "ma tkunx itwal minn 5,000mm".

Dawn it-tibdiliet għandhom jitqiesu li kienu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014.

L-4 ta' April, 2014

No. 351

MINISTRY FOR TRANSPORT AND INFRASTRUCTURE

Government Grant on the Purchase of Electric Vehicles

IN terms of the provisions of paragraph 9 of Government Notice No. 150 published in the Government Gazette No. 19,209 dated 14th February, 2014, the Minister for Transport and Infrastructure is making the following amendments to paragraph 4 (Eligibility) of the said scheme:

Paragraph 4 (ii) of the said scheme shall be amended as follows:

(a) in sub-paragraph (b) thereof immediately after the words "not have been registered" there shall be inserted the words "in Malta"; and

(b) in sub-paragraphs (d) and (e) thereof respectively the words "not exceed 4,460mm" shall be substituted by the words "not exceed 5,000mm".

These changes shall be deemed to enter into force as from the 1st January 2014.

4th April, 2014

Nru. 352

MINISTERU GĦAT-TRASPORT U L-INFRASTRUTTURA

Għotja mill-Gvern fuq Xiri ta' Vetturi li Jagħmlu Inqas Ħsara lill-Ambjent

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 8 u 9 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru 18 ippubblikata fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern Nru 19,192 tal-10 ta' Jannar, 2014, il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura qiegħed jestendi din l-iskema ta' għotja ta' flus sakemm ammont addizzjonali ta' għotjiet jilħaq l-ammont ta' €200,000. La darba jintlaħaq dan l-ammont l-iskema, kif estiża, tiġi tterminata b'mod awtomatiku.

It-tifsir u d-dispożizzjonijiet l-oħra kollha tal-iskema li jidhru fin-Notifikazzjoni Nru 18 tal-10 ta' Jannar, 2014, hawn fuq imsemmija jibqgħu fis-seħħ sakemm tiġi fi tmiemha din l-iskema kif stipulat fil-paragrafu 8 tal-istess Notifikazzjoni għajr l-ammont '€300,000' li qed jiġi sostitwit bl-ammont '€500,000'.

Il-pubbliku huwa b'dan mgħarraf li applikazzjonijiet konnessi ma' din l-għotja ppreżentati wara li ntlaħaq l-ammont ta' €300,000 speċifikat fin-Notifikazzjoni li tirregola din l-iskema u d-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni għandhom jitqiesu bħala applikazzjonijiet validi taħt din l-iskema.

L-4 ta' April, 2014

No. 352

MINISTRY FOR TRANSPORT AND INFRASTRUCTURE

Government Grant on the Purchase of Environment-Friendly Vehicles

IN terms of the provisions of paragraphs 8 and 9 of the Government Notice No.18 published in the Government Gazette No. 19,192 dated 10th January, 2014, the Minister for Transport and Infrastructure is extending this grant scheme until an additional amount of grants reaches the amount of €200,000. Once this amount is reached, the scheme, as extended, will be automatically terminated.

The interpretation and all other provisions under the scheme as having been published in the Notice No.18 of the 10th January, 2014, referred to above shall continue to apply till the termination of this scheme as stipulated in paragraph 8 of the same Notice except for the amount of '€300,000' which is being substituted by the amount '€500,000'.

The public is hereby being notified that applications related to this scheme submitted after the amount of €300,000 specified in the Notice governing this scheme has been reached and the date of publication of this Notice shall be deemed to be valid applications under this scheme.

4th April, 2014

Nru. 353

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

NGĦARRFU b'din illi b'digriet mogħti fil-25 ta' Marzu, 2014, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Notarili ordnat l-inabilitazzjoni parzjali tan-Nutar Dottor Hugh Grima, LL.D., mill-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu għal żmien sitt (6) xhur mid-data tal-imsemmi digriet jew sakemm jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu bl-insinwar tal-kuntratt minnu ppubblikat fit-30 ta' Lulju, 2012, fejn il-Perit Norbert Attard akkwista mingħand Alexander Randon u oħrajn il-proprjetà numru 17, Triq Lvant, Il-Belt Valletta.

L-4 ta' April, 2014

No. 353

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

IT is hereby notified that by a decree dated the 25th March, 2014, the Court of Revision of Notarial Acts ordered the partial incapacitation of Notary Doctor Hugh Grima, LL.D., from the exercise of his profession for a period of six (6) months from the date of the said decree or until he regularises his situation by enrolling the deed published in his records dated the 30th July, 2012, whereby Architect Norbert Attard acquired from Alexander Randon and others the property bearing number 17, Triq Lvant, Valletta.

4th April, 2014

Nru. 354

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

NGĦARRFU b'dan illi b'digriet mogħti fil-25 ta' Marzu, 2014, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Notarili ordnat l-inabilitazzjoni temporanja u sospensjoni temporanja tal-*warrant* tan-Nutar Dottor Silvio Hili, LL.D., għal żmien sitt (6) xhur mid-data tal-imsemmi digriet.

L-4 ta' April, 2014

No. 354

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

IT is hereby notified that by a decree dated the 25th March, 2014, the Court of Revision of Notarial Acts ordered the temporary incapacitation and temporary suspension of the warrant of Notary Doctor Silvio Hili, LL.D., for a period of six (6) months from the date of the said decree.

4th April, 2014

Nru. 355

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 364)

B'RIFERENZA għall-lista ta' Uffiċjali Reviżuri maħtura mill-Kunsill Nutarili, li lilhom għandhom jiġu ppreżentati għall-ispezzjoni bejn April 2014 u Settembru 2014, l-Atti Inter Vivos kollha ippubblikati min-Nutara li qegħdin jeżerċitaw il-professjoni tagħhom f'Malta u f'Għawdex għas-sena bażi 2013, skont l-artikolu 94A tal-Att Dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, fl-indirizzi tar-Reviżuri hawn taħt indikati, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,206 tas-7 ta' Frar, 2014, ngħarrfu illi għandu jiżdied dan li ġej fil-lista.

L-4 ta' April, 2014

No. 355

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

WITH reference to the list of Review Officers appointed by the Notarial Council, to whom all acts Inter Vivos published during the year 2013 by warranted Notaries exercising their profession in Malta and Gozo have to be presented for inspection between April and September 2014 in terms of Article 94A of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, at the undermentioned addresses of the Reviewers, published in Government Gazette No. 19,206 of the 7th February, 2014, it is notified that the following addition is to be included with the list.

4th April, 2014

Isem *Name*	Uffiċjal Reviżur 2014 *Review Officer 2014*	Xahar *Month*
Abela Anthony	Dr Louis Vella, LL.D.	Mejju
Flores Edward	Dr Louis Vella, LL.D.	Ġunju
Gambin John	Dr Richard Vella Laurenti, LL.D.	Awwissu
Spiteri John	Dr Richard Vella Laurenti, LL.D.	Mejju

Indirizz tar-Reviżur:

Dott. Richard Vella Laurenti:
69, Triq Nicolò Isouard, Tas-Sliema, SLM 2084. Tel: 2133 1586/9942 0164

Dott. Louis Vella:
20, Triq il-Pellikan, San Ġwann. Tel: 2138 9945/9945 0955

Reviewer's Address:

Dr Richard Vella Laurenti:
69, Triq Nicolò Isouard, Sliema, SLM 2084. Tel: 2133 1586/9942 0164

Dr Louis Vella:
20, Triq il-Pellikan, San Ġwann. Tel: 2138 9945/9945 0955

Nru. 356

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

IL-MINISTERU għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, flimkien mal-Ministeru għas-Saħħa jgħarraf illi għaddej proċess ta' konsultazzjoni pubblika dwar Regoli tal-2014 dwar il-Produzzjoni u l-Bejgħ tal-Prodotti u Prodotti Tradizzjonali tal-Ħalib.

Kull min jixtieq jagħmel il-kummenti tiegħu jista' jikteb lid-Direttur tad-Dipartiment għar-Regolamentazzjoni Veterinarja u Fitosanitarja, Uffiċċju Prinċipali, Pjazza tal-Biċċerija, Il-Marsa.

L-4 ta' April, 2014

No. 356

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

THE Minister for Sustainable Development, the Environment and Climate Change, together with the Ministry for Health notifies that a public consultation on the Production and Sale of Dairy and Traditional Dairy Products Rules, 2014 is underway.

Anyone who wishes to make representations about these Rules should write to the Director of the Veterinary and Phytosanitary Regulation Department, Head Office, Abbattoir Square, Albert Town, Marsa.

4th April, 2014

A.L. tal-2014

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regoli tal-2014 dwar il-Produzzjoni u l-Bejgħ tal-Prodotti u Prodotti Tradizzjonali tal-Ħalib

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima, bi ftehim mal-Ministru għas-Saħħa, għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2014 dwar il-Produzzjoni u l-Bejgħ tal-Prodotti u Prodotti Tradizzjonali tal-Ħalib.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regoli hu biex jimplimenta miżuri nazzjonali, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsil (KE) 853 tal-2004, dwar il-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti u prodotti tradizzjoniali tal-ħalib fi stabbilimenti li jkunu jinsabu f'Malta.

Tifsir.

2. (1) Kemm-il darba ma jingħadx xort'oħra f'dawn ir-regoli, it-tifsiriet li jinsabu fl-Att u fir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) No. 852/2004, 853/2004, 854/2004, jew l-emendi jew Regolamenti oħra li jissostitwuhom, għandhom jibqgħu jgħoddu.

(2) Għall-fini ta' dawn ir-regoli u kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

Kap. 437.

"l-Att" tfisser l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji;

"bejgħ mir-razzett" tfisser bejgħ li jsir direttament lill-konsumatur aħħari fl-istess razzett jew minn fond li jagħmel mar-razzett li jkun jappartjeni lill-istess sid;

"id-Dipartiment" tfisser id-Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Veterinarji;

"id-Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għas-Servizzi Veterinarji jew kull uffiċjal awtorizzat maħtur minnu kif imiss;

"fond li jagħmel mar-razzett" tfisser fond li jkun jappartjeni l-istess sid tal-annimali ta' razzett u li mhux neċessarjament ikun jaqa' fil-perimetru tar-razzett, iżda li jintuża biex fih jitħejjew prodotti jew prodotti tradizjonali tal-ħalib;

"prodott tradizzjonali" tfisser il-prodott magħmul mill-ħalib li tagħti n-nagħġa jew il-mogħża, jew il-baqra mrobbija f'Malta, jew taħlita ta' dawn skont riċetta partikolari u rregistrat kif imiss skont regolamenti li jħarsu ir-registrazzjoni ta' produzzjonijiet tradizjonali;

"konsumatur aħħari" tfisser kull persuna jew utent finali li jkun qed jixtri prodotti u, jew prodotti tradizzjonali tal-ħalib għall-użu personali tiegħu u mhux għal finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa jew bl-imnut;

"Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel" tfisser il-Kummissjoni mwaqqfa bl- Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel;

Kap. 449.

"Malta" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 3 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni;

Kap. 249.

"razzett" tfisser stabbiliment fejn jinżammu xi wieħed jew aktar annimali mrobbija biex dawn jipproduċu l-ħalib;

"xkuma" tfisser il-krema li tinkiseb mix-xaħam xkumat mill-ħalib nej.

Applikabilità.

3. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nri 852/2004, 853/2004 u 854/2004, u jinkludu regoli nazzjonali għall-ksib tal-għanijiet ta' dawk ir-Regolamenti.

Projbizzjonijiet ġenerali.

4. (1) Ebda persuna ma tista' tbiegħ prodotti jew prodotti tradizzjonali tal-ħalib kemm-il darba dawn ma jkunux ġew prodotti u ttikkettjati kif imiss u kif hawn f'dawn ir-regoli.

(2) It-tqegħid fis-suq f'Malta ta' ħalib nej jew xkuma nejja maħsubin għall-konsum dirett mill-bniedem huwa projbit.

Ħtiġiet għar-reġistrazzjoni.

5. (1) Il-produtturi kollha tal-prodotti jew prodotti tradizzjonali tal-ħalib kollha għandhom jiġu approvati mid-Dipartiment u reġistrati mall-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel.

(2) L-irziezet kollha li jipproduċu l-ħalib għandhom jiġu reġistrati mad-Dipartiment.

L.S. 437.78

(3) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar l-Identifikazzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' Annimali, u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali ovini u kaprini u li temenda r-Regolament (KE) Nru. 1782/2003 u d-Direttivi 92/102/KEE, 91/68/KEE u 64/432/KEE, u r-Regolament (KE) Nru. 1760/2000 tas-17 ta' Lulju 2000 li tistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' bhejjem tal-ifrat u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li tħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97, kull annimal raġel u mara ta' speċi li jipproduċi l-ħalib fir-razzett għandu jiġi identifikat u reġistrat fir-reġistru tar-razzett u mad-Dipartiment kif hemm fid-dispożizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

(4) L-annimali msemmija fis-subregola (3) għandhom jiġu ttestjati regolarment għal xi mard li jista' jiġi identifikat kif hemm fir-Regolamenti kollha rilevanti, kif ukoll għal kull marda oħra kif jista' jiġi stabbilit mid-Direttur minn żmien għal żmien.

(5) Il-proċedura dwar kif issir reġistrazzjoni ta' razzett u tal-annimali kif hawn f'din ir-regola għandha tiġi stabbilita mid-Dipartiment.

Tqegħid fis-suq.

6. (1) Prodotti u prodotti tradizzjonali tal-ħalib li jiġu prodotti bl-intenzjoni li jitqiegħdu fis-suq kemm f'Malta u barra l-pajjiz għandhom jiġu prodotti biss f'stabbilimenti li jkunu konformi mal-ħtiġiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 853/2004:

Iżda l-miżuri li jinsabu fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 853/2004 għandhom ikunu wkoll japplikaw għall-produzzjoni ta' prodott tradizzjonali tal-ħalib.

(2) Prodotti u prodotti tradizzjonali tal-ħalib li jiġu magħmula kif hemm fis-subregola (1) jistgħu jiġu biss prodotti minn stabbiliment li jkun kiseb l-approvazzjoni meħtieġa mingħand id-Direttur, u għandhom jiġu mmarkati b'marka ta' identifikazzjoni kif hemm fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 853/2004.

Prodotti għandhom joriġinaw minn stabbilimenti deskritti fir-regola 6.

7. (1) Il-prodotti u prodotti tradizzjonali tal-ħalib ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq, jinbiegħu bl-ingrossa, jinbiegħu bl-imnut jew direttament lill-konsumatur aħħari mir-razzet jew xi fond li jagħmel ma' razzett jew minn xi post ieħor jekk ma jkunux prodotti ġejjin minn stabbiliment kif deskritt fir-regola 6.

(2) Prodotti jew prodotti tradizzjonali tal-ħalib jistgħu jiġu prodotti f'razzett jew fond li jagħmel ma' razzett barra mill-iskop stabbilit bir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nri 852/2004, 853/2004 u 854/2004 u id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli jekk ikunu ser jiġu kkunsmati minn sid l-annimali jew mill-familja diretta tiegħu. Din il-produzzjoni tista' issir taħt dawn il-kundizzjonijiet biss f'irziezet fejn ma hemmx aktar minn erba' nagħaġ jew mogħoż reġistrati fuq ir-razzett.

L-obbligi li għandhom l-operaturi kummerċjali tal-ikel.

8. Kull persuna fiżika jew legali li tqiegħed fis-suq f'Malta prodotti tradizzjonali tal-ħalib skont dawn ir-regoli għandha tosserva wkoll ir-regoli indikati fl-Iskeda u l-linji gwida maħruġin mill-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel, kif jistgħu jiġu ppubblikati minn żmien għal żmien fil-Gazzetta.

Obbligi dwar trasportazzjoni u ħażna.

9. (1) Kull persuna fiżika jew legali li tkun qiegħda tittrasporta jew taħżen prodotti jew prodotti tradizzjonali tal-ħalib għall-bejgħ bl-ingrossa għandha tkun reġistrata mad-Dipartiment, u kull fond jew vettura wżata għal dawk il-finijiet għandha tissodisfa l-ħtiġiet tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru. 852/2004 u 853/2004.

(2) Kull persuna fiżika jew legali li tittrasporta jew taħżen prodotti jew prodotti tradizzjonali tal-ħalib għall-bejgħ bl-imnut għandha tkun reġistrata mal-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel.

Reati u pieni.

10. (1) Kull persuna li tikser jew tonqos milli tosserva d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-pieni stabbiliti fl-artikoli 35(2), 36(2), 37(2), u 38(2) tal-Att liema piena tista' tkun ta' priġunerija għal mhux aktar minn sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (4,000) u mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73) jew dik il-priġunerija u multa flimkien.

(2) Id-Direttur, meta jkollu tabilħaqq għaliex jifhem li jkun sar xi reat kontra dawn ir-regoli minn xi persuna u, filwaqt li jqis il-kondotta preċedenti tal-persuna inkwistjoni, ikun xieraq li jimponi piena amministrattiva, jista' jiddeċiedi li tingħata piena amministrattiva skont l-artikolu 61 tal-Att.

(3) F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 57(2) tal-Att, meta xi persuna tinsab ħatja ta' xi reat kontra dawn ir-regoli, il-

Qorti tista', b'żieda ma' xi piena oħra li tista' timponi, tordna li dawk l-annimali, l-istrumenti, tagħmir, prodotti jew sustanzi użati fit-twettiq tar-reat għandhom jiġu kkonfiskati favur il-Gvern u, jekk jiġu hekk konfiskati, dawn għandu jsir minnhom b'dak il-mod hekk kif il-Qorti tista' tiddetermina fuq il-parir tad-Direttur.

(4) Fil-każ ta' sejbien ta' ħtija għat-tieni darba jew iktar drabi kontra dawn ir-regoli, għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 60 tal-Att.

(5) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subregoli (1) sa (4) u għal kull dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali li tista' tkun tapplika f'dan ir-rigward, kull min jikser ir-regoli 5(1), 8 u 9(2) ta' dawn ir-regoli jkun soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 43 u 44 tal-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel li japplikaw ukoll f'dan ir-rigward flimkien ma' kull piena oħra li tista' tiġi imposta. Kap. 9. Kap. 449.

(6) Id-dispożizzjonijiet tas-subregoli (1) sa (4) għandhom jibqgħu japplikaw mingħajr preġudizzju għal kull proċedura kriminali pendenti li tkun inbdiet kontra kull min ikun wettaq reat kontra dawn ir-regoli.

11. Għar-rigward ta' azzjonijiet u proċedimenti dwar reati konnessi ma' dawn ir-regoli, il-Qorti tista' taġġudika favur il-Gvern dawk l-ispejjeż u n-nefqiet li jkunu saru f'dak li għandu x'jaqsam ma' dawk l-azzjonijiet u proċedimenti hekk kif tqis li jkun xieraq. Spejjeż għall-azzjonijiet ta' infurzar.

SKEDA

Addozzjoni ta' miżuri nazzjonali.

Fuq il-bazi tal-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsil KE Nru. 853/2004, il-Miżuri Nazzjonali li ġejjin jadattaw l-Anness III tal-imsemmi Regolament, kif ġej:

Fil-każ ta' ħalib tan-nagħaġ u l-mogħoż użat għall-produzzjoni ta' prodotti tradizzjonali tal-ħalib:

(i) il-verifiki msemmija fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 853/2004 fl-Anness III, Sezzjoni IX, Kapitolu 1, Taqsima III, paragrafu 2 għandhom isiru qabel ma l-ħalib nej jintuża għall-produzzjoni;

(ii) l-għadd ta' mikro-organiżmi kif imsemmija fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 853/2004 fl-Anness III, Sezzjoni IX, Kapitolu 1, Taqsima III, paragrafu 3 għandu jiġi stabbilit abbażi tar-riżultat ta' test fuq kampjun individwali ta' ħalib nej darbtejn fix-xahar;

(iii) skont l-Anness III, Sezzjoni IX, Kapitolu 1, Taqsima IIB, paragrafu 4(b) u Anness III, Sezzjoni IX, Kapitolu II, Taqsima I, paragrafu 2(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 853/2004, id-Direttur jawtorizza l-użu tal-ħalib nej li jinżamm f'temperatura ta' mhux aktar minn 37°Ċ u li jiġi wżat f'sagħtejn mill-ħlib għall-produzzjoni tal-prodott tradizzjonali tal-ħalib;

(iv) sabiex jibqgħu jiġu akkomodati l-operaturi ta' negozji tal-ikel, skont l-Artikolu 10, paragrafu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 853/2004, ikun permissibbli li jintuża ħalib nej li joriġina minn nagħaġ jew mill-mogħoż illi;

(a) ma jurux sinjali kliniċi ta' bruċellosi (*B melitensis*);

(b) ġew ittestjati għall-bruċellożi (*B melitensis*) bl-użu ta' wieħed mit-testijiet elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (KE) 90/242/KEE mill-inqas darba kull tnax-il xahar, fejn dan it-test ikun irriżulta negattiv;

(ċ) ġew ittestjati għal kull mard ieħor skont l-artikolu 5(4) b'riżultati negattivi għal kull marda mill-inqas darba kull tnax-il xahar;

(d) li jiġu minn razzett reġistrat li huwa uffiċjalment ħieles jew ħieles mill-bruċellożi skont it-tifsira li hemm fid-Direttiva 91/68/KEE;

(v) sabiex ikunu jistgħu jkomplu jintużaw il-metodi tradizzjonali għall-produzzjoni ta' prodotti tradizzjonali tal-ħalib skont l-Artikolu 10, paragrafu 4 tar-Regolament (KE) Nru. 853/2004, ikun permissibbli li:

(a) in-nagħaġ u mogħoż jinħalbu bl-idejn sakemm dan isir f'żona li ma tkunx l-istess żona fejn jinżammu u jkunu qed jitrabbew fir-razzett,

(b) il-ħalib jiġi ffiltrat minn passatur, preferibilment tal-plastik tajjeb għall-kuntatt ma' affarijiet tal-ikel jew ta l-istejnles stil u biċċa musulina nadifa maħsula u mgħollija,

(ċ) il-ħalib jitqiegħed ġo kontenitur tal-plastik tajjeb għall-kuntatt ma' affarijiet tal-ikel jew tal-istejnles stil u ma jitkessaħx jekk jintuża biex isiru prodotti tradizzjonali tal-ħalib fi żmien sagħtejn minn x'ħin isir il-ħlib,

(d) dan il-kontenitur bil-ħalib jista' jinġarr mingħajr ma jinżamm fil-kesħa sakemm il-vjaġġ bejn fejn isir il-ħlib u fejn issir il-produzzjoni ta' prodott tradizzjonali tal-ħalib ma jkunx itwal minn sittin minuta,

(e) kif dan il-ħalib jasal fuq il-post fejn tkun ser issir il-produzzjoni ta' prodotti tradizzjonali tal-ħalib, dan il-ħalib jiġi trasferit ġo borma taċ-ċaqquf jew tal-istejnles stil jew tal-aluminju jew ta' materjal ieħor li huwa adegwat biex fih isiru preparazzjonijiet tal-ikel u jiġi imsaħħan sa 37°Ċ,

(f) din it-temperatura tista' tiġi mkejla b'termometri xierqa għall-użu fi proċeduri ta' preparazzjoni tal-ikel,

(g) kif it-temperatura tkun adegwata, jiġi miżjud il-qtar tat-tames jew xi forma ta' enżima oħra li twassal għat-tagħqid tal-ħalib skont kif ikun preskritt fir-riċetta tal-produzjoni tal-prodotti tradizzjonali tal-ħalib,

(h) il-baqta li tifforma titħalla toqgħod għal tletin minuta f'temperatura ambjentali u mgħottija b'xibka irqieqa jew filoxx,

(i) wara dan il-ħin din il-baqta titella bi xkumatur u titqiegħed fi qwieleb tas-simar, qasab jew plastik tajjeb għall-kuntatt ma' affarijiet tal-ikel,

(j) din il-baqta tigi ppressata wkoll bl-idejn biex il-forma tintela sew u titneħħa l-arja,

(k) il-qwieleb jitqiegħdu ġo tilari tal-plastik tajjeb għall-kuntatt ma' affarijiet tal-ikel jew tal-aluminju jew stejnles stil biex il-forom tal-prodott tradizzjonali joqtru,

(l) dawn it-tilari wara l-ewwel nofs siegħa jitpoġġew ġo post li jista' jitkessaħ fejn it-temperatura tinżamm bejn 7°Ċ u 12°Ċ,

(m) il-forom ta' prodott tradizzjonali tal-ħalib jinqalbu kull sagħtejn għal tlieta jew erba' darbiet biex jixxuttaw b'mod uniformi u omoġenju,

(n) dawn il-forom ta' prodott tradizzjonali tal-ħalib jinqalaw mill-qwieleb tagħhom hekk kif jgħaddu erbgħa u għoxrin siegħa,

(o) dan il-proċess kollu ta' manifattura ta' prodott tradizzjonali tal-ħalib jista' jsir f'ambjenti li ma għandhomx kontroll ta' temperatura,

(p) il-prodott tradizzjonali tal-ħalib li jkun ser jitqiegħed fis-suq frisk ikun jista' f'dan il-mument jiġi ppakkettjat b'mod aċċettabli u skont kif preskritt għal dak il-prodott tradizzjonali tal-ħalib,

(q) fil-każ li l-prodott tradizzjonali tal-ħalib jkunu ser jitnixxef, dan jiġi mqiegħed fil-lok biex jitnixxef hekk kif ikun preskritt fir-riċetta tal-produzzjoni tal-prodott tradizzjonali tal-ħalib. Dan it-tnixxif jista' jsir f'qanniċ jew nemmusiera,

(r) il-ħażna tal-prodott tradizzjonali tal-ħalib imnixxef jew ittrattat b'xi mod ieħor tkun tista' issir f'post li ma għandux kontroll tat-temperatura u tista' tinżamm f'temperatura ambjentali,

(s) meta l-prodott tradizzjonali tal-ħalib jitqiegħed fuq is-suq għandu jiġi ppakkettjat b'mod li titqiegħed marka ta' identifikazzjoni li għandha tkun b'tali mod li tinqered jew titħassar meta t-tgeżwir jew l-ippakkettjar tal-prodott jinfetaħ, jew inkella t-tgeżwir jew l-ippakkettjar tal-prodott għandu jkun issiġillat b'tali mod li ma jkunx jista' jerġa' jintuża wara li jinfetaħ.

L.N. of 2014

VETERINARY SERVICES ACT (CAP. 437)

Production and Sale of Dairy and Traditional Dairy Products Rules, 2014

IN exercise of the powers conferred by article 10 of the Veterinary Services Act, the Minister for Sustainable Development, Environment and Climate Change, with the concurrence of the Minister for Health, has made the following rules:-

Citation, scope and commencement.

1. (1) The title of these rules is the Production and Sale of Dairy and Traditional Dairy Products Rules, 2014.

(2) The scope of these rules is to implement national measures, in line with Article 10 of Council Regulation (EC) 853 of 2004, with respect to the production and sale of dairy and traditional dairy products in establishments in Malta.

Interpretation.

2. (1) Unless stated otherwise in these rules, the definitions contained in the Act and in Council Regulations (EC) No.852/2004, 853/2004 and 854/2004, or their amendments or Regulations that shall substitute them, shall apply.

(2) For the purpose of these rules and unless the context otherwise requires:

"the Act" means the Veterinary Services Act; Cap. 437

"the Department" means the Department responsible for Veterinary Services;

"the Director" means the Director responsible for Veterinary Services or any authorised officer duly appointed by him;

"farm holding" means an establishment where one or more farmed animals are kept to produce milk;

"final consumer" means any person or end user purchasing dairy and, or traditional products for own use and not for wholesale or retail purposes;

"Food Safety Commission" means the Commission established by the Food Safety Act; Cap. 449

"Malta" has the same meaning as that assigned to it by article 3 of the Interpretation Act; Cap. 249

"over the farm gate" means sale directly to the final consumer at the same farm holding or from related premises belonging to the same owner;

"raw cream" means the cream obtained from the fat skimmed off raw milk;

"related premises" means premises belonging to the owner of the animals of a farm holding which is not necessarily within the perimeter of the farm holding, but which is used for the preparation of dairy and traditional dairy products from milk;

"traditional dairy product" means a product made out of milk originating from sheep, goats or cows bred in Malta or a mixture of these in accordance with a particular recipe and registered in accordance with regulations that regulate the registration of traditional products.

Applicability.

3. These rules shall apply in accordance with the provisions of Council Regulations (EC) 852/2004, 853/2004 and 854/2004, and comprise national rules for the achievement of the objectives of such Regulations.

General prohibitions.

4. (1) No person may sell dairy or traditional dairy products unless produced and labeled as required and in accordance with these rules.

(2) The placing on the market in Malta of raw milk or raw cream intended for direct human consumption shall be prohibited.

Requirements for registration.

5. (1) All producers of dairy products and traditional dairy products shall be approved by the Department and registered with the Food Safety Commission.

(2) All farm holdings producing milk shall be registered with the Department.

S.L. 437.78

(3) Without prejudice to the Identification and Registration of Animals Rules, and Council Regulation (EC) No 21/2004 of 17 December 2003 establishing a system for the identification and registration of ovine and caprine animals and amending Regulation (EC) No 1782/2003 and Directives 92/102/ EEC, 91/68/EEC and 64/ 432/EEC, and Regulation (EC) No 1760/2000 of 17 July 2000 establishing a system for the identification and registration of bovine animals and regarding the labelling of beef and beef products and repealing Council Regulation (EC) No 820/97, all male and female animals of the species producing milk on the farm holding shall be identified and registered on the farm register and with the Department in accordance with the provisions of such rules.

(4) The animals referred to in sub-rule (3) shall be tested regularly for any diseases which may be identified in all relevant Regulations, as well as for any other disease as may be determined by the Director from time to time.

(5) The procedure for effecting a registration of a farm holding and animals in terms of this rule shall be determined by the Department.

Placing on the market.

6. (1) Dairy products and traditional dairy products that are produced with the intention of being placed on the market in and outside Malta shall only be produced in establishments which conform to the requirements of Council Regulation (EC) No. 853/2004:

Provided that the measures contained in Article 10 of Council Regulation (EC) No. 853/2004 shall also apply to the production of traditional dairy products.

(2) Dairy and traditional dairy products that are produced in accordance with sub-rule (1) may only be produced in an establishment which has obtained the necessary approval from the Director, and shall be marked with an identification mark in accordance with Council Regulation (EC) No. 853/2004.

Products to originate from establishments described in rule 6.

7. (1) The production of dairy products and traditional dairy products cannot be placed on the market, be sold in wholesale or retail or directly to the final consumer over the farm gate or from any related premises or from any other place unless they are products originating from establishments as described in rule 6.

(2) Dairy or traditional dairy products may be produced on a farm holding or in a related premises outside the rules set by Council Regulations (EC) 852/2004, 853/2004 and 854/2004 and the provisions of these rules if they are going to be consumed by the owner of the animals or his direct family. Such a production can only take place under these conditions on farm holdings where there are no more than four sheep or goats registered on the farm holding.

Obligations of food business operators.

8. Any natural person or legal entity placing traditional dairy products on the market in Malta in accordance with these rules shall also abide by rules set in the Schedule and any guidelines issued by the Food Safety Commission, as may be published from time to time in the Gazette.

Transportation and storage obligations.

9. (1) Any natural person or legal entity transporting or storing dairy products or traditional dairy products for wholesale shall be registered with the Department, and any premises or vehicles used for such purposes shall satisfy the requirements of Council Regulations (EC) No. 852/2004 and 853/2004.

(2) Any natural person or legal entity transporting or storing dairy products or traditional dairy products for retail shall be registered with the Food Safety Commission.

Offences and penalties.

10. (1) Any person who contravenes or fails to comply with any of the provisions of these rules shall be guilty of an offence and shall be liable, on conviction, to the penalties contemplated in articles 35(2), 36(2), 37(2) and 38(2) of the Act which penalty may include imprisonment of not more that six months or a fine of not less than four thousand euro (4,000) and not more than twenty-three thousand two hundred and ninety-three euro and seventy-three cents (23,293.73) or both such imprisonment and fine.

(2) When the Director has reasonable cause to believe that an offence against these rules has been committed by any person and, having regard to the previous conduct of the person concerned, it would be appropriate to impose an administrative penalty, the Director may decide to impose an administrative penalty under article 61 of the Act.

(3) In accordance with the provisions of article 57(2) of the Act, where any person is convicted of an offence against these rules, the Court may, in addition to any other penalty that it may impose, order that any animals, instruments, appliances, products or substances used in the commission of the offence shall be forfeited to the Government and, if so forfeited, shall be disposed of in such a manner as the Court may determine on the advice of the Director.

(4) In the case of a second or subsequent conviction against these rules, the provisions of article 60 of the Act shall be applied.

(5) Without prejudice to the provisions of sub-rules (1) to (4), and to any provisions of the Criminal Code which may apply in this regard, any person committing a breach of rules 5(1), 8 and 9(2) of these rules shall be subject to the provisions of articles 43 and 44 of the Food Safety Act which shall also apply in this regard together with any other penalties that may be imposed.

Cap. 9.

Cap. 449.

(6) The provisions of sub-rules (1) to (4) shall continue to apply without prejudice to any pending criminal proceedings which shall have been instituted against the offender committing an offence against these rules.

Enforcement action costs.

11. In respect of actions and procedures for offences in connection with these rules, the Court may award in favour of the Government such costs and expenses incurred in relation to those actions and procedures as it may deem proper.

SCHEDULE

Adoption of National Measures

In terms of Article 10 of Council Regulation (EC) No. 853/2004, the following National Measures adapt Annex III of the said Regulation, as follows:

In the case of sheep and goat milk used for the production of traditional dairy products:

(i) the checks referred to in Council Regulation (EC) No. 853/2004 in Annex III, Section IX, Chapter I, Part III, paragraph 2 shall be carried out before raw milk is to be used for production;

(ii) the number of micro-organisms as referred to in Council Regulation (EC) No. 853/2004 in Annex III, Section IX, Chapter I, Part III, paragraph 3 shall be set on a basis of the result of a test on an individual sample of raw milk twice a month;

(iii) in line with Annex III, Section IX, Chapter I, Part IIB, paragraph 4(b) and Annex III, Section IX. Chapter II, Part I, paragraph 2(b) of Council Regulation (EC) No. 853/2004, the Director authorises the use of raw milk at a temperature of not less than 37°C within two hours from milking for the production of traditional dairy products;

(iv) in order to accommodate food business operators in terms of Article 10, paragraph 4 of Council Regulation (EC) No. 853/2004 it shall be permissible to utlise raw milk originating from sheep and goats which:

(a) do not show clinical signs of brucellosis (*B.melitensis*),

(b) having been tested for brucellosis (*B.melitensis*) using one of the tests listed in the Annex to Council Decision 90/242/EEC at least once every twelve months, where this test results negative;

(c) have been tested for any other disease in accordance with regulation 5(4) with a negative result for any disease at least once every twelve months;

(d) belonging to a registered farm holding officially free or free of brucellosis within the meaning of Directive 91/68/EEC;

(v) in order to enable the continued use of traditional methods for the production of traditional dairy products in terms of Article 10, paragraph 4, of Council Regulation (EC) No. 853/2004 it shall be permissible -

(a) that the sheep and goats are hand milked as long as this milking takes place in an area which is not the area where these animals are kept and bred on the farm holding,

(b) that the milk is filtered through a sieve preferably of food grade plastic or stainless steel and through a clean muslin cloth that is washed and boiled,

(c) that the milk is placed in a food grade plastic or stainless steel container and is not cooled if it is going to be used for the production of traditional dairy products within two hours of milking,

(d) that this container with milk may be transported without being cooled as long as the trip between the place where the milking takes place and the place where the production of the traditional dairy product takes place does not take longer than sixty minutes,

(e) as soon as this milk arrives at the place where the production of traditional dairy products takes place, this milk is transferred into a clay, stainless steel, aluminium or any other food grade material pot and is heated to 37°C,

(f) that this temperature may be measured with thermometers that are appropriate for food preparation procedures,

(g) as soon as the temperature is adequate, '*qtar tat-tames*' or any form of other enzyme that induces milk to coagulate shall be added in accordance with the recipe described for the production of traditional dairy products,

(h) the curd that forms shall be left to stand for thirty minutes in an ambient temperature covered by a small meshed net,

(i) that after such time the curd is lifted with a skimmer and placed in a food grade plastic, cane or reed form,

(j) that this curd is pressed also by hand to make sure that the form is packed well and all air is removed,

(k) that the forms are placed in a food grade plastic or aluminium or stainless steel tray so that the forms of the traditional dairy product shall drip,

(l) that the trays after the first half hour shall be placed in a place where they can be cooled where the temperature shall be kept between 7°C and 12°C,

(m) that these forms of the traditional dairy product shall be turned over every two hours for three or four times to dry up in a uniform and homogeneous manner,

(n) that these forms of the traditional dairy product shall be extracted out of their containers after twenty-four hours,

(o) that all this process of the manufacture of the traditional dairy product can take place in environments that do not have temperature control,

(p) that the traditional dairy product that shall be placed on the market in a fresh state can at this point be packed in an acceptable way and as described for that traditional dairy product,

(q) that in the case of a traditional dairy product that shall be dried, this shall be placed in a place to dry in accordance with the method described in the recipe for the production of the traditional dairy product. This drying can take place in a '*qannić*' or '*nemmusiera*',

(r) that the storage of the traditional dairy product that has been dried or treated in any other way may take place in a place that does not have temperature control and may be kept in ambient temperature,

(s) when the traditional dairy product is placed on the market it shall be packed in a way that an identification mark is placed in a way that it will be destroyed or broken when the packaging or the wrapping of the product is opened or the product has to be packed and wrapped in a way that it is sealed in a manner that the wrapping or packaging material cannot be used again once it is opened.

Nru. 357

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

No. 357

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
4. 04. 2014	€30.197	€0.488

L-4 ta' April, 2014

4th April, 2014

Nru. 358

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna ta' San Anton, Ħ'Attard

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi, id-Direttur tal-Agrikultura approva li nhar is-Sibt, it-3 ta' Mejju, 2014 u l-Ħadd, 4 ta' Mejju, 2014 il-Ġonna ta' San Anton Ħ'Attard, ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll tal-Malta Fancy Poultry and Pigeon Club u l-Malta Rabbit Club.

L-4 ta' April, 2014

No. 358

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

San Anton Gardens, Ħ'Attard

IT is notified for general information that as enabled by Article 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance, the Director of Agriculture has approved that on Saturday, 3rd May, 2014 and Sunday, 4th May, 2014 San Anton Gardens, Attard will be closed to the public and will be under the control of the Malta Fancy Poultry and Pigeon Club and Malta Rabbit Club.

4th April, 2014

Nru. 359

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna ta' San Anton, Ħ'Attard

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi, id-Direttur tal-Agrikultura approva li nhar is-Sibt, is-17 ta' Mejju, 2014 u l-Ħadd, 18 ta' Mejju, 2014 il-Ġonna ta' San Anton Ħ'Attard, ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll tal-Għaqda Maltija tal-Ortikultura.

L-4 ta' April, 2014

No. 359

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

San Anton Gardens, Ħ'Attard

IT is notified for general information that as enabled by Article 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance, the Director of Agriculture has approved that on Saturday, 17th May, 2014 and Sunday, 18th May, 2014 San Anton Gardens, Attard will be closed to the public and will be under the control of the Malta Horticultural Society.

4th April, 2014

Nru. 360

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi, id-Direttur tal-Agrikultura approva li nhar is-Sibt, il-31 ta' Mejju, 2014, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel, mill-4.00 p.m. 'il quddiem ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll tas-Sur Kurt Camilleri.

L-4 ta' April, 2014

No. 360

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Article 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance, the Director of Agriculture has approved that on Saturday, 31st May, 2014, from 4.00 p.m. onwards, the Lower Barrakka Gardens will be closed to the public and will be under the control of Mr Kurt Camilleri.

4th April, 2014

Nru. 361

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:
A detailed justification is presented below:

Numru ta' Riferenza: TRK. 151436
Post: Riviera Resort & SPA, Ir-Ramla tal-Bir, Marfa, Mellieħa, Malta
Proposta: Żidiet u tibdiliet ta' lukanda eżistenti jikkonsistu f'daħla ġdida; estensjoni tar-restorant u l-kċina; bini ta' kmamar li jħarsu fuq il-baħar; bini tal-ħames sular irtirat mill-faċċata tal-lukanda; żieda ta' *sundeck* fuq il-bejt bil-*pool*; rilokazzjoni tal-entratura tal-post tal-ħatt; manutenzjoni u estensjoni tal-*promenade*; *landscaping* ta' parkeġġ pubbliku u l-ġestjoni tat-traffiku mat-triq li ddur mal-lukanda.

Reference Number: TRK. 151436
Location: Riviera Resort & SPA, Ir-Ramla tal-Bir, Marfa, Mellieħa, Malta
Proposal: Proposed additions and alterations to existing hotel consisting of new entrance/reception; extension to restaurant and kitchen; additions of sea view rooms; additions of recessed floor (level 5); addition of roof level sundeck with splash pool; re-location of loading bay and goods entrance; pedestrianization, extension and landscaping of public sea front promenade; proposed construction and landscaping of public parking area and new traffic arrangements for hotel ring road.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fis-7 ta' Ottubru, 2014 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fl-4 ta' Frar, 2014.

No. 361

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Notification of Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 7th October, 2013 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 4th February, 2014.

Impatti potenzjali *Potential Impacts*	Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ. *Remarks on mitigation measures, etc.*
Impatt viżiv	Il-fotomontaġġi juru li l-proposta tidher mil-madwar kollu, u għaldaqstant jistgħu jarawha diversi persuni. Minħabba li d-disinn tal-lukanda huwa bħal dak eżistenti, il-bidla fil-kwalità tal-veduta hija limitata.
Visual Amenity	*Photomontages submitted indicate that the proposal is visible from all the surrounding areas, and may be viewed by sensitive receptors. However, given that the extension has an identical design to the one of the existing hotel, the change in visual amenity is low.*
Impatt fuq l-użu tal-art u tal-kosta	Id-daqs u n-natura tal-proġett propost mhux se jirriżulta f'impatt sinifikanti fuq l-użu tal-art u tal-kosta. Madankollu huwa neċessarju li l-iżvilupp ma jieħux iżjed mill-art tal-madwar u tal-kosta barra iż-żona ta' żvilupp. Dan għandu jiġi indirizzat permezz tal-proċess għall-permess tal-iżvilupp.
Land use and coastal impact	*The size and nature of the proposed project will not result in significant land use and coastal impacts. Nonetheless, it is imperative that the project does not entail the further uptake of land and coast outside the development zone. This should be addressed through the mainstream development planning process.*
Wirt kulturali	Fdalijiet ta' wirt kulturali li jinsabu fi 200 metru mill-konfini tas-sit jinkludu It-Torri tas-Sgħajtar (Il-Batterija ta' Wied Musa), *Defence post* ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija; Wied Musa żona ta' lqugħ militari, It-Torri tal-Bir, u ir-Ramla tal-Bir żona ta' lqugħ militari. Il-probabbiltà li jiġu affetwati fdalijiet ta' wirt kulturali fuq is-sit hija remota. Minkejja dan, huwa propost li x-xogħlijiet waqt il-kostruzzjoni jkunu mgħassa minn arkeologu kkwalifikat.
Cultural Heritage	*Cultural heritage features within 200 metres radius of the site include It-Torri tas-Sgħajtar (Il-Batterija ta' Wied Musa); World War II beach post ruins; Wied Musa military buffer zone; It-Torri tal-Bir; and Ir-Ramla tal-Bir military buffer zone. The probability of the works impacting cultural heritage features on site is remote. Nonetheless, monitoring by a qualified archaeologist is recommended to be carried out during the construction phase.*
Ħsejjes u trabijiet waqt il-fażi ta' kostruzzjoni	Ħsejjes u trabijiet waqt it-tindif u t-tħaffir tas-sit u l-bini tal-estensjoni kapaċi jaffetwaw lir-residenzi tal-madwar u nies oħra li jiffrekwentaw is-sit. Madanakollu, se jkun hemm miżuri biex jittaffew it-trabijiet u l-ħsejjes skond kif imsemmi fir-Regolamenti tal-2007 dwar l-Immaniġġjar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni (Avviż Legali 295 of 2007).
Construction Phase Noise and Dust Emissions	*Dust and noise emissions during site clearance, excavation and construction may affect the nearby residents and people frequenting the site. Dust and noise abatement measures in accordance with the Environmental Management Construction Site Management Regulations, 2007 (Legal Notice 295 of 2007) shall further minimise the impact.*

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

L-4 ta' April, 2014

4th April, 2014

Nru. 362

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (Kap. 389)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, għat-termini tal-artikoli 7 u 8 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali, jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 362

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT (Cap. 389)

THE Commissioner of Police, in terms of articles 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenzja bħala Gwardjani Lokali
Application for licence of a Local Warden

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Marlon Cassar	132194 (M)	84, "Maryann", Flat 2, Triq San Tumas, Fgura.
Natalina Said	236674 (M)	Aurora Court, Flat 2, Triq Patri Wistin Magro, San Pawl il-Baħar.
Alarico Tambone	80780 (A)	27, "Kennedy Court", Flat 5, Triq tal-Bilbel, San Pawl il-Baħar.

Applikazzjoni għal-liċenzja bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Chaaybia Galea Elhamadi	244213 (L)	14, "Hammil Court", Flat 4, Triq il-Mazzola, San Pawl il-Baħar.
Rochtov Gatt	443492 (M)	72, Triq il-Kurċifiss, Isla.
Benna Farrugia	439680 (M)	50, "Carvic", Dawret ix-Xatt, Xgħajra.
Ian Zammit	5387 (M)	5, Flat 3, Triq l-Ixprun, Valletta.
Douglas John Desira	157971 (M)	25, "Nourbona", Triq il-Farfett, Marsa.
Geronimo Cristian	74489 (A)	123, "Cheza Azalea", Flat 3, Triq Santa Marija, Mġarr.
Kevin Vella	153577 (M)	54, "Notre Reve", Triq l-Għadajjar, Mosta.
Robert Clinch	540778 (M)	Blokk 8B, Flat 3, Triq Pietro Rossel, Pembroke.
Steve Spiteri	79190 (M)	21, "Mirfred", Triq il-Ġarakol, Għaxaq.
Kayne John Chattaway	258711 (L)	19, Triq Antonio Galea, Birkirkara.
Johnny Schembri	49364 (M)	129, "Madonnina", Trtq il-Qroll, Birżebbuġa.
Jason Joseph Bugeja	187711 (L)	131, "Tamori", Flat 3, Triq Edgar Bernard, Gżira.
Hovhannisyan Arhen	61954 (A)	"Amanda", Flat 10, Sqaq il-Ġurġier, Birżebbuġa.
Isla Garcia De Leaniz Pablo	111005 (A)	131, "Tamori", Flat 3, Triq Edgar Bernard, Gżira.
Alison Briffa	126377 (M)	144, "Alrashar", Triq l-Arkata, Paola.
Noe Agius	68682 (M)	52, "Sanctuary Place", Flat 1, Triq tal-Ħofra, Żabbar.
Rowena Farrugia	403985 (M)	39, "Flos Carmeli", Triq Karmenu Vassallo, Iklin.
Rosario Scicluna	146265 (M)	34, Triq San Filippu, Isla.
Jonathan Falzon	222481 (M)	99, "Zuzza", Triq il-Karmnu, Tarxien.
Alexander Muscat	179159 (M)	1, "Silver Creek", Triq Dun Ġużepp Farrugia, Żurrieq.
Martin Callus	168267 (M)	94, "April May", Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siġġiewi.

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Salvino Bondin	112457 (M)	199, "Madrid", Triq Ħompesch, Fgura.
Andrè Mallia	559587 (M)	2, "Faith", Triq Ħal Resqun, Gudja.
Wayne Debattista	254895 (M)	3, "Nid D'Amour", Triq William Baker, Gudja.
Dirk Aquilina	155480 (M)	15, "Swindon Court", Flat 8, Triq is-Sitta u Għoxrin ta' Marzu, 1972, Fgura.
Massimo Scicluna	164272 (M)	23, "Corner House", Triq l-Għaqdiet tal-Ħaddiema, Paola.
Alfred Grech	145374 (M)	Binja Ġublew tal-Fidda, Ent. A, Flat 6, Triq Oreste Kirkop, San Ġwann.
Luke Farrugia	422294 (M)	138, Zammit Court", Flat 1, Triq tal-Mensija, San Ġwann.
Christopher Cacciattolo	122175 (M)	101, Triq Dun Marju, Qormi.
Cleaven Briffa	489083 (M)	6, Flat 3, Triq is-Sirena, Isla.
Raymond Mizzi	571058 (M)	28, "Raysyl", Misrah Kanonku Giovanni Vella, Żejtun.
Donald Cassar	374175 (M)	5, Sqaq Sant' Andrija, Numru 4, Luqa.
Lawrence Mangion	352881 (M)	Bini Sonsage, Flat 3, Triq San Vincenz, Ħamrun.
Omar Azzopardi	218678 (M)	8, Flat 4, Triq Mons. Gerald Frendo, Qormi.
Kenneth Albert Edward Bedingfield	584790 (M)	39, "Anġlu Rose", Flat 1, Triq l-Għansar, Birżebbuġa.
Josette Grech	79670 (M)	48, "Il-Għaxqa Tagħna", Triq Annunziato Schembri, Siġġiewi.
Yanica Grech	131093 (M)	48, "Il-Għaxqa Tagħna", Triq Annunziato Schembri, Siġġiewi
Amanda Briffa	341985 (M)	28, "Carmen's Court", Flat 1, Triq Ħal Dwin, Żebbuġ.
Carmen Tanti	371365 (M)	"Marthese Court", Flat 4, Triq l-Artillieri, Marsaskala.
Maria Theresa Spiteri	216784 (M)	"Maron", Triq il-Kapuċċini, Kalkara.
Pauline Axiaq	183377 (M)	34, Triq Ġużeppi Muscat, Qrendi.
Carmelo Grech	627457 (M)	"Hedera", Triq Francis X. Attard, Żabbar.
Clifford Caruana	51692 (M)	21, "Nakita", Triq l-Attakk tal-Franċiżi, Żabbar.
Massimo Caruana	290280 (M)	36, "Dar Madonna tar-Rużarju", Triq L-Innu Malti, Żebbuġ.
Edward Zammit	185866 (M)	28, Triq Gafà, Mosta.
Jouma Yahya	63992 (A)	Valley View, Blokk A, Flat 5, Triq ir-Rabat, Żebbuġ, Marsalforn, Għawdex

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkun se jigu ipprovduti mill-applikant:-

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant:-

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(c) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

L-4 ta' April, 2014

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

4th April, 2014

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 29

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Paola

Nhar il-Ġimgħa, 11 ta' April, 2014, bejn is-6.00 p.m. u d-9.00 p.m. minn Triq Brittania, Triq id-Dgħajjes, Triq Pawlu Boffa, Triq Valletta, Triq Kurvetti, Triq Sultana u Triq Ġdida.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Il-Ħamrun

Nhar it-Tlieta, il-15 ta' April, 2014, mill-5.00 p.m. sad-9.00 p.m. minn Triq il-Kbira San Ġużepp, Blata Bajda sal-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Il-Ħamrun/Il-Marsa

Nhar il-Ħamis, it-8 ta' Mejju, 2014, mis-6.00 p.m. sat-8.30 p.m. minn Triq Diċembru 13 fid-direzzjoni lejn Paola.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

L-4 ta' April, 2014

POLICE NOTICE

No. 29

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Paola

On Friday, 11th April, 2014, between 6.00 p.m. and 9.00 p.m. through Triq Brittania, Triq id-Dgħajjes, Triq Pawlu Boffa, Triq Valletta, Triq Kurvetti, Triq Sultana and Triq Ġdida.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

Ħamrun

On Tuesday, 15th April, 2014, from 5.00 p.m. till 9.00 p.m. through Triq il-Kbira San Ġużepp, Blata Bajda to St Gaetan's Parish Church.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

Ħamrun/Marsa

On Thursday, 8th May, 2014, from 6.00 p.m. till 8.30 p.m. through Triq Diċembru 13 in the direction towards Paola.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

4th April, 2014

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 30

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fittoroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ħadd, 6 ta' April, 2014 mid-9.30 a.m. sas-1.00 p.m. minn Misraħ ir-Repubblika.

Nhar it-Tlieta, il-15 ta' April, 2014, mis-6.30 p.m. sad-9.30 p.m. minn Triq Sant' Andrija, Triq il-Karmnu u Misraħ ir-Repubblika.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Ħal Safi

Nhar it-Tlieta, il-15 ta' April, 2014, mis-6.30 p.m. sad-9.30 p.m. minn Misraħ Ħal Safi, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq il-Ħajt Ruman, Triq iż-Żurrieq u Triq Sant' Andrija.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

L-4 ta' April, 2014

POLICE NOTICE

No. 30

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Żurrieq

On Sunday, 6th April, 2014 from 9.30 a.m. till 1.00 p.m. through Misraħ ir-Repubblika.

On Tuesday, 15th April, 2014, from 6.30 p.m. till 9.30 p.m. through Triq Sant' Andrija, Triq il-Karmnu and Misraħ ir-Repubblika.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

Ħal Safi

On Tuesday, 15th April, 2014, 6.30 p.m. till 9.30 p.m. through Misraħ Ħal Safi, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq il-Ħajt Ruman, Triq iż-Żurrieq and Triq Sant' Andrija.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

4th April, 2014

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija t-tieni pubblikazzjoni ta' lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta skont l-Artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Floriana.

Peter Paul Zammit
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta'oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta fil-perjodu matul ix-xhur minn Jannar sa Marzu, 2014.

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
Jannar 2014		
03/01/14	Ċurkett Isfar	Ingrid Fenech
06/01/14	*Mobile Phone*	Joseph Bugeja
07/01/14	*Mobile Phone*	Julian Galea
07/01/14	*Mobile Phone*	Carmel Montebello
07/01/14	*Mobile Phone*	Francis Grech
07/01/14	Flus	Ps 507 Rys Cassar

08/01/14	Ċurkett	Vanya Georgieva
08/01/14	*Mobile Phone*	Carmel Agius
08/01/14	Ċurkett	Luke Zerafa
10/01/14	Wallet/Cash	Pc 16 Emanuel Zammit
10/01/14	Wallet/Cash	Josephine Hust
10/01/14	*Car stereo*	Vincent Muscat
10/01/14	Portmoni/Flus	Michael Pace
14/01/14	*Pocket*/Diversi Oġġetti	John Gauci
21/01/14	*Mobile Phone*	Salaha Mursel
22/01/14	Portmoni/Flus	Joseph Montesin
24/01/14	Portmoni/Flus	Rudy Farrugia
27/01/14	Arloġġi tal-Idejn	Edward Cassar
		Joe Grech
27/01/14	*Mobile Phone*	Charles Darmanin
28/01/14	*Bicycle*	Alex Vella
28/01/14	*Laptop*	Raymond Joseph Portelli
28/01/14	*Tablet*	Raymond Vassallo

Frar 2014

04/02/14	*Mobile Phone*	Fr Walter Cauchi
05/02/14	*Laptop*	Anthony Sultana
07/02/14	*Iphone*	Clara Gauci Borda
11/02/14	*Mobile Phone*	Philip Said
13/02/14	Kartiera	Keith Galea (AFM)
18/02/14	*Mobile Phone*	Francis Xavier Fenech
18/02/14	Kamera tar-ritratti	Charmaine Cutajar
21/02/14	Fwieħa u Ħelu	Charles D'Amato
24/02/14	Giżirana tal-Perli	Nadya Papagiorcopulo
26/02/14	Flus	Pc. 425 Michael Cilia La Corte
28/02/14	Flus	Anthony Achille Camilleri

Marzu 2014

03/03/14	Flus	Christine Bezzina
04/03/14	Portmoni/Flus	Carmel Sammut
04/03/14	Kamera tar-ritratti	Carmelo Bonello
06/03/14	Kamera tar-ritratti	Dorothy Muscat
06/03/14	Pendent Salib Isfar	Efreme Gebremedhen
12/03/14	*Iphone*	Joseh Maria Cornsel
14/03/14	Arloġġ tal-Idejn tan-Nisa	Mark Anthony Bailey
20/03/14	*PSP* bil-logħob fuq *CDs*	Stanley Azzopardi
21/03/14	*Mobile Phone*	George Agius
25/03/14	Kamera tar-ritratti	Charmaine Galea
25/03/14	*Mobile Phone*	Felix Fenech
25/03/14	*Ipad*	Alfred Borg
27/03/14	*Iphone Apple*	Joe Bondin

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija pubblikazzjoni ta' lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta skont l-Artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Floriana.

Peter Paul Zammit
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta'oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta fil-perjodu matul ix-xhur minn Ottubru sa Diċembru, 2013.

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
Ottubru 2013		
01/10/2013	Nuċċali	Joseph Mamo
03/10/2013	Nuċċali	Francis Muscat
03/10/2013	*Mobile phone*	Daniel Raimondo
04/10/2013	Brazzulett u ġiżirana	Benjamino Camilleri
04/10/2013	Portmoni	Joseph Gerada
04/10/2013	*Pushchair*	Anthony Aquilina
09/10/2013	Inġabar	Inġabar
10/10/2013	Kamera tar-ritratti	Mary Christine Rose
10/10/2013	Kartiera	Margaret Lilian Muscat
11/10/2013	*Mobile phone*	Agnieslka Kawalska
11/10/2013	*Mobile phone*	Peter Gatt
15/10/2013	*Mobile phone*	John Mary James
16/10/2013	Basket biċ-ċwievet	Francis Suda
23/10/2013	*Pushchair*	M'Assunta Abela
23/10/2013	Bastun	Nadine Desira
23/10/2013	*Laptop*	Victor Mifsud
25/10/2013	*Mobile phone*	Clive Schembri
31/10/2013	Basket	Carol Baker
31/10/2013	*I Pad*	Sharon Lofreda
Novembru 2013		
06/11/2013	*Bicycle*	Colin Abela
06/11/2013	*SD Card*	Paul Buhagiar
07/11/2013	Flus	Peter Durnstein
11/11/2013	*Mobile phone*	Joseph Zammit
18/11/2013	Kamera tar-ritratti	Omar Abdulwahab Mohammed
19/11/2013	Portmoni/flus	Francis Gatt
20/11/2013	*Mobile phone*	Nazzareno Saliba
26/11/2013	Purse/flus/ċrieket	Carmel Bezzina
29/11/2013	*Mobile phone*	Andrè Muscat
Diċembru 2013		
09/12/2013	Flus	Erik Montford
12/12/2013	Flus	Eleno Chircop
16/12/2013	Basket/flus	Valerio Savio
26/12/2013	Kartiera	Mark Felice
26/12/2013	Ċurkett	Abdulhakim Youssef Azzuz
26/12/2013	Kartiera	John Bayliss
26/12/2013	*Mobile phone*	John Edward Perkins

MINISTERU GĦALL-FAMILJA
U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

Post ta' Prokuratur Legali fid-Dipartiment tas-Siġurtà Soċjali, Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali

(Approvazzjoni skont il-*capacity building* datata t-12 ta' Marzu, 2014)

"Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil."

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Prokuratur Legali fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fil-Ministeru għall-Familija u Solidarjetà Soċjali.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Is-salarju ta' Prokuratur Legali huwa ta' Skala ta' Salarju 9, €18,254.02 fis-sena, li jiżdied b'€447.33 fis-sena sa massimu ta' €20,938.00.

2.2 Persuna fil-grad ta' Prokuratur Legali titla' fi Skala 8 (€19,475.02 x €486.83 - €22,396.00) wara sentejn (2) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet ta' persuna fil-post ta' Prokuratur Legali fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali jinkludu:

(a) Tipprovdi pariri tekniċi lid-Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali) jew lill-rappreżentanti tiegħu u tissuġġerixxi proċeduri u regoli biex tassigura aġir korrett skont ir-rekwiżiti legali;

(b) Tipprovdi pariri legali fuq programmi u inizjattivi partikulari, li jinkludu twaqqif ta' liġijiet skont l-Att tas-Sigurtà Soċjali (Kap. 318);

(c) Tassessja l-impatt legali tal-Att tas-Sigurtà Soċjali (Kap. 318) *vis-a-vis* ir-realtajiet soċjali kurrenti u tissuġġerixxi emendi li jħaffu l-proċess;

(d) Tieħu ħsieb korrispondenza u materji li jinvolvu punti ta' liġi;

(e) Tinfilsa dokumenti legali;

(f) Twettaq kull xogħol legali ieħor li jiġi assenjat minn żmien għal żmien;

MINISTRY FOR THE FAMILY
AND SOCIAL SOLIDARITY

Post of Legal Procurator in the Social Security Department, Ministry for the Family and Social Solidarity

(Capacity building approval dated 12th March, 2014)

"In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender."

The Permanent Secretary, Ministry for the Family and Social Solidarity invites applications for the post of Legal Procurator in the Social Security Department, Ministry for the Family and Social Solidarity.

Terms and Conditions

2.1 The salary for the post of Legal Procurator is Salary Scale 9, that is, €18,254.02 per annum, rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €20,938.00.

2.2 A Legal Procurator will progress to Salary Scale 8 (€19,475.02 x €486.83 - €22,396.00) on completion of two (2) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

Duties

3. The duties of Legal Procurator within the Social Security Department include:

(a) Providing technical legal advice to DG (Social Security) or his representatives suggesting procedures and rules to ensure accurate performance in line with legal requirements;

(b) Providing legal advice on particular programmes and initiatives, including the drafting of laws referring mainly to the Social Security Act (Cap. 318);

(c) Assessing the legal impact of the Social Security Act (Cap. 318) *vis-a-vis* the current realities and suggesting amendments which would expedite the handling of procedures;

(d) Dealing with correspondence and issues in which points of law are involved;

(e) Filing of legal documents.

(f) Carrying out any other legal matters that may be assigned from time to time;

(g) Dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Fejn ikun ippruvat li impjegati jkunu qed jaħdmu kontra l-interessi tal-Gvern, bi ksur tal-Kodiċi ta' Etika jew jaħdmu f'kunflitt mad-dmirijiet uffiċjali tagħhom mal-Gvern, ikunu soġġett għall-proċeduri dixxiplinarji li jistgħu jwasslu għal tkeċċija.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(g) any other duties according to the exigencies of the Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Employees who are proven to be acting against the interests of the Government, in breach of the codes of ethics or working in conflict with their official duties with the Government shall be liable to disciplinary action that may lead to dismissal.

Eligibility requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) ikollhom fil-pussess tagħhom *Warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Prokuratur Legali f'Malta.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel, u jagħtu d-dettalji).

4.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 4.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata fil-qasam tas-sigurtà soċjali.

4.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-għażla

6. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet, flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur, fid-Direttorat għar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Familja u

(ii) must be proficient in the Maltese and English languages;

(iii) in possession of a Warrant to practice the profession of Legal Procurator in Malta;

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 4.1, have proven relevant work experience in the field of social security.

4.3 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of supporting documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

6. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post.

Submission of applications

7. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by the Human resources Management Directorate, Ministry

Solidarjetà Soċjali, 310, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' April, 2014. L-applikazzjonijiet jistgħu wkoll jiġu sottomessi permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

perjodu ta' prova u kundizzjonijiet oħra;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki ;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti

jinstabu fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) jew jinkisbu mid-Direttorat għar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, 310, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-*email* tad-Direttorat riċeventi huwa (hr.mfss@gov.mt).

L-4 ta' April, 2014

MINISTERU GĦAT-TRASPORT
U L-INFRASTRUTTURA

Riżultat ta' Intervisti għall-Post ta' *Technical Officer* (*Draughtsperson*) fid-Direttorat għad-Disinn ta' Proġetti u l-Inġinerija, fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u Servizzi fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura

Is-Segretarju Permanenti jgħarraf li r-riżultat tal-intervisti għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* prinċipali fid-Direttorat tal-*People Management*, Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, Blokk 'A', Triq Francesco Buonamici, Il-Furjana, u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta.

L-4 ta' April, 2014

for the Family and Social Solidarity, Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta by not later than noon (Central European Time) of Friday, 25th April, 2014. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the probationary period and other conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration Human Resources Office at the address (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) or may be obtained from the Human Resources Management Directorate within the Ministry for the Family and Social Solidarity, 310, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the e-mail address is (hr.mfss@gov.mt).

4th April, 2014

MINISTRY FOR TRANSPORT
AND INFRASTRUCTURE

Result of Interviews for the Post of Technical Officer (Draughtsperson) in the Project Design and Engineering Directorate, Works and Services Department, within the Ministry for Transport and Infrastructure

The Permanent Secretary notifies that the result of the interviews for the above-mentioned post has been published and can be viewed on the main notice-board at the People Management Directorate, Ministry for Transport and Infrastructure, Block 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

4th April, 2014

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami Riparatorju għall-Post ta' Skrivan fis-Servizz Pubbliku ta' Malta - 2013

Eżami Riparatorju għall-Post ta' Uffiċjal Eżekuttiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta - 2013

Eżami Riparatorju għall-Post ta' Uffiċjal Prinċipali fis-Servizz Pubbliku ta' Malta - 2013

L-Aġent Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultat finali tal-eżamijiet hawn fuq imsemmija ġie ppubblikat, u wieħed jista' jarah fid-Dipartiment tal-Eżamijiet, Il-Mall, Triq Sarria, Il-Furjana, u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex matul il-ħinijiet tal-uffiċċju.

L-4 ta' April, 2014

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Re-Sit Examination for the Post of Clerk in the Malta Public Service - 2013

Re-Sit Examination for the Post of Executive Officer in the Malta Public Service - 2013

Re-Sit Examination for the Post of Principal in the Malta Public Service - 2013

The Acting Director of Examinations notifies that the final result of the above examinations has been published, and may be viewed at the Examinations Department, The Mall, Triq Sarria, Floriana, and at the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo during office hours.

4th April, 2014

DIRETTORAT GĦAT-TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA

Riżultati għal Ingaġġ fil-Pożizzjoni ta' Edukaturi tal-Adulti *Part-Time* fuq Kuntratt Definit fid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja

Id-Direttur għat-Tagħlim Tul il-Ħajja jgħarraf li r-riżultati tal-intervisti għall-Ingaġġ fil-Pożizzjoni ta' Edukaturi tal-Adulti *Part-Time* fuq Kuntratt Definit fid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja, kif ippubblikata fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,141 tal-20 ta' Settembru, 2013 ġew ippubblikati. Ir-riżultati huma għal dawn is-suġġetti:

1. *Arabic*
2. *AutoCAD 2D*

Kopja ta' dawn ir-riżultati tinsab fuq in-*notice-board* Ewlenija, Ċentru ta' Informazzjoni dwar l-Edukazzjoni, Binja tal-Edukazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana. Fil-każ ta' applikanti għall-korsijiet li se jsiru f'Għawdex, il-kopja tar-riżultati tinsab fl-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Ir-Rabat, Għawdex.

L-4 ta' April, 2014

DIRECTORATE FOR LIFELONG LEARNING

Results for the Engagement in the Position of Part-Time Adult Educator on a Definite Contract within the Directorate for Lifelong Learning

The Director Lifelong Learning notifies that the results of the interviews for the Engagement in the Position of Part-Time Adult Educator on a Definite Contract within the Directorate for Lifelong Learning, as published in the Government Gazette No. 19,141 of the 20th September, 2013 have been published. Results are for the following subjects:

1. Arabic
2. AutoCAD 2D

A copy of the result may be found on the main notice-board, Education Information Centre, Education Building, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana. In the case of applicants for courses which are going to be held in Gozo, the result sheets may be found at the Education Office, Victoria, Gozo.

4th April, 2014

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami għall-Ħruġ ta' Liċenzja ta' *Engine Driver* Fuq l-Art - Mejju 2014

Id-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jgħarrfu li f'Mejju 2014 se jsir eżami għall-ħruġ ta' Liċenzja ta' *Engine Driver* fuq l-Art.

2. Jingħataw liċenzji kif jidher hawn taħt:

A. *Engine Driver (Steam)* (It-Tieni Grad)

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Examination for the Issue of Engine Driver Licence (Land) - May 2014

The Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations notify that an examination for the issue of Engine Driver Licence (Land) will be held in May 2014.

2. The following licences will be granted:-

A. Engine Driver (Steam) (Second Grade)

B. *Engine Driver (Steam)* (L-Ewwel Grad)
C. *Engine Driver* (Kombustjoni Interna) (It-Tieni Grad)
D. *Engine Driver* (Kombustjoni Interna) (L-Ewwel Grad)
E. *Electric Motor Driver* (It-Tieni Grad)
F. *Electric Motor Driver* (L-Ewwel Grad)

3. Ebda kandidat ma jitħalla joqgħod għall-eżami tal-Ewwel Grad kemm-il darba ma jkollux il-liċenzja rispettiva tat-Tieni Grad u kemm-il darba ma jkunx għamel 18-il xahar bħala *Engine Driver* jew *Electric Motor Driver* fuq l-Art.

4. Eżami tat-Tieni Grad ikun eżami orali biss.

5. L-eżami tal-Ewwel Grad ikun jikkonsisti f'eżami bil-miktub u orali.

6. Wieħed jista' jara r-Regolamenti u s-Sillabu tal-Eżamijiet fid-Dipartiment tal-Eżamijiet, Il-Furjana u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

7. Il-kandidat li joqgħod għall-eżami tat-Tieni Grad għandu jkun għalaq id-dsatax-il sena sal-1 ta' Mejju, 2014 u jippreżenta:

(a) il-Karta uffiċjali tal-Identità u fotokopja tagħha (miż-żewġ naħat);

(b) dokumenti li juru b'mod ċar il-perjodu tas-servizz, inklużi dati u klassi ta' xogħol, li fihom kien impjegat;

(c) ċertifikati li juru li hu għamel kors ta' sena b'riżultat tajjeb dwar l-inġinerija f'istituzzjoni edukattiva rikonoxxuta jew li għandu kwalifiki ekwivalenti.

8. Il-kandidat li joqgħod għall-eżami tal-Ewwel Grad għandu jippreżenta:

(a) il-Karta uffiċjali tal-Identità u fotokopja tagħha (miż-żewġ naħat);

(b) il-liċenzja rispettiva tat-Tieni Grad u fotokopja tagħha;

(c) dokumenti li juru li hu serva għal 18-il xahar bħala *Engine Driver* jew *Electric Motor Driver* fuq l-Art kif ikun il-każ.

